*appell tardiv skont is-subartikolu 108(3) tal-Kap. 318*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-23 ta' April, 2021

Appell Inferjuri Numru 2/2020 LM

**Samantha Borg (K.I. numru 431873M)**
*("l-appellanta")*

***vs*.**

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*("l-appellat")*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul minn **Samantha Borg (K.I. nru 431873M)** [minn issa 'l quddiem "l-appellanta"] mid-deċiżjoni preliminari mogħtija fl-14 ta' Settembru, 2018 (Numru 210/2018) [minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"] mill-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem "l-Arbitru"], li

permezz tagħha ddeċieda li jiċħad l-appell tagħha mid-deċiżjoni tad-**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa ’l quddiem “id-Direttur Ġenerali appellat”] tad-9 ta’ Mejju, 2013, stante li kien tardiv u konsegwentement null.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat tad-9 ta’ Mejju, 2013, fejn huwa informa lill-appellanta li hija kienet tħallset żejjed is-somma ta’ €14,627.43 f’Għajnuna Soċjali (SA) mid-Dipartiment. Għalhekk informa wkoll li kien ser isir tnaqqis ta’ 5% mill-istess Għajnuna Soċjali (SA) jew minn xi benefiċċju ieħor li hija kienet tirċievi mid-Dipartiment, sabiex b’hekk tiġi rifuża s-somma kollha lid-Dipartiment.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellanta istitwiet proċeduri ta’ appell quddiem l-Arbitru fil-25 ta’ Awwissu, 2016, fejn filwaqt li stqarret li hija qatt ma kienet irċeviet id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat, talbet sabiex tiġi awtorizzata tappella kontra dik id-deċiżjoni. Min-naħa tiegħu d-Direttur Ġenerali appellat wieġeb fl-14 ta’ Settembru, 2017, fejn irrileva li l-appell kien tardiv skont is-subartikolu 108(3) tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318).

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

4. L-Arbitru wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"L-artikolu 108(3) tal-Kap 218 jiddipsoni:*

"108. (3) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), appell minn deċiżjoni tad-Direttur mogħtija taħt il-proviso li hemm mal-artikolu 35 u taħt l-artikoli 58 u 106 jista' jsir lill-Arbitru bil-miktub fi żmien tletin ġurnata mid-data li fiha d-Direttur jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu bil-miktub lir-rikorrent jew lill-benefiċjarju skont il-każ."

*Għalhekk il-liġi hija ċara. Id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali hija datata 9 ta' Mejju 2013. L-appell daħal fl-uffiċċju tal-Arbitru fil-25 ta' Awwissu 2016 – għalhekk aktar minn sentejn u nofs wara d-deċiżjoni.*

*Fil-kuntest tas-sitwazzjoni ta' tardività l-Arbitru jirrileva illi skont l-istess deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali, l-ammont li tħallas żejjed kien beda jitnaqqas bir-rata ta' 5% minn almenu Lulju tas-sena 2013. L-ewwel kuntatt li sar mill-appellanta mad-dipartiment kien f'Lulju 2014. Għaddiet għalhekk sena.*

*Huwa ċar li l-appell huwa tardiv u għalhekk konsegwentement null."*

## L-Appell

5. L-appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fil-31 ta' Jannar, 2020 fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tirrevoka d-deċiżjoni appellata u konsegwentement tilqa' l-appell tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra d-Direttur Ġenerali appellat. Filwaqt li tagħmel riferiment għas-subartikolu 108(3) tal-Kap. 318, tikkontendi li l-liġi hija ċara f'dak li jikkwalifika bħala notifika valida.

## Ir-Risposta tal-Appell

6. Min-naħa tiegħu id-Direttur Ġenerali appellat wieġeb fil-21 ta' Frar, 2020, fejn filwaqt li ssottometta li l-appell interpost mill-appellanta huwa wieħed infondat fil-fatt u fid-dritt, esprima l-fehma li d-deċiżjoni appellata hija

waħda ġusta u timmerita konferma għal dawk ir-raġunijiet li jispjega fit-tweġiba tiegħu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tal-appellanta, u dan filwaqt li tqis ukoll is-sottomissjonijiet magħmula mid-Direttur Ġenerali appellat fir-risposta tiegħu, u anki l-osservazzjonijiet tal-Arbitru kif jirriżultaw fid-deċiżjoni appellata.

8. L-appellanta tibda billi tissottometti li hija qatt ma kienet ġiet notifikata bid-deċiżjoni bil-miktub tad-Direttur Ġenerali appellat tad-9 ta' Mejju, 2013, u għalhekk qatt ma setgħet twieġeb għal dak li ġie allegat minnu. Imma l-Arbitru kien ikkonsidra li ġaladarba hija kienet qiegħda tirċievi tnaqqis fil-benefiċċju tagħha sa minn Lulju, 2013, dan kien jikkwalifika bħala notifika, u dan tissottometti meta d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 108(3) tal-Kap. 318 kienu ċari. Tispjega li hija kienet ippreżentat l-appell tagħha quddiem l-Arbitru wara li rnexxielha tottjeni informazzjoni mingħand id-Dipartiment hekk kif ma kinitx irċeviet il-benefiċċju soċjali. Tikkontendi li n-nuqqas ta' possibilità ta' appell kien ser jippreġudika d-drittijiet tagħha li tikkontesta d-deċiżjoni appellata.

9. Id-Direttur Ġenerali appellat preliminarjament jirrileva li l-appellanta ammettiet quddiem l-Arbitru li l-appell tagħha kien wieħed tardiv, u għalhekk l-imsemmi Arbitru ma setax jinjora l-ammissjoni tagħha. Fid-dawl ta' din l-ammissjoni u anki tal-ġurisprudenza tagħna dwar il-principju tal-ammissjoni, sostna li tali ammissjoni kellha titqies bħala prova reġina li saħansitra kompliet issaħħaħ il-verżjoni tiegħu. L-appellat ikompli jgħid li f'kwalunkwe każ, l-

appellanta qatt ma kkontestat li hija għandha tirrifondi l-ammont mitlub mid-Direttur Ġenerali appellat. Huwa jissottometti wkoll li din il-Qorti għandha tagħmel evalwazzjoni tad-dati suċċessivi li fihom: (i) huwa kien bagħat id-deċiżjoni tiegħu; (ii) l-appellanta kkomunikat miegħu; u (iii) l-appellanta intavolat l-appell tagħha quddiem l-Arbitru. Jgħid li kien jidher li l-appellanta kienet ħadet iż-żmien tagħha sabiex tasal f'arranġament mad-Direttur Ġenerali appellat, iżda meta dan ma seħħx hija ttentat tintavola appell għalkemm kienet taf li dan kien tardiv. Dan għamlitu billi allegat li minħabba s-separazzjoni personali minn ma' żewġha, dan tal-aħħar kien qed jeħodilha l-posta b'intenzjoni li jagħmel il-ħsara. Madankollu, ikompli jgħid id-Direttur Ġenerali appellat, hija naqset milli ġġib il-prova in sostenn ta' dak allegat minnha.

10. Il-Qorti tgħid li d-deċiżjoni appellata hija tajba. Kif sewwa osserva l-Arbitru, l-appellanta intavolat l-appell tagħha aktar minn sentejn u nofs wara d-data tad-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat. Il-Qorti tirrileva li l-Arbitru bl-ebda mod ma kien qed jiddeċiedi li d-data tan-notifika tad-deċiżjoni kellha tkun dik meta hija bdiet tirċievi l-benefiċċju mnaqqas, imma hija biss osservazzjoni tiegħu li l-appellanta wara li ġara dan kienet saħansitra damet sena qabel ma kkomunikat mad-Dipartiment f'Lulju 2014.

11. Huwa opportun ukoll li din il-Qorti tosserva li l-appellanta m'appellatx mill-mertu quddiem l-Arbitru, iżda sempliċement ressqet talba sabiex jawtorizzaha tippreżenta appell mid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat wara li ddikjarat li *"...ma kellhiex l-opportunità li tippreżenta appell mid-deċiżjoni tad-dipartiment".* Madankollu, kif sewwa rrileva d-Direttur Ġenerali appellat fir-risposta tal-appell tiegħu, l-appellanta ma ressqet l-ebda prova

sabiex tissostanzja dak li hija kienet qiegħda tissuġġerixxi lill-Arbitru li seta' ġara mid-deċiżjoni bil-miktub tad-Direttur Ġenerali li kienet ġiet ikkomunikata lilha. Kliemha *"...jista' jagħti l-każ li peress li hija kienet għaddejja minn proċeduri ta' separazzjoni, tali ittra setgħet ġiet f'idejn ir-raġel tagħha Josef Borg...",* jibqgħu saħansitra konġettura wkoll fl-*affidavit* tagħha meta tgħid *"... u ninsab konvinta li kien ikun Josef Borg li joħodli l-posta minn ġol-*letterbox *propju biex jagħmilli ħsara".*

12. Għaldaqstant din il-Qorti ma ssibx l-aggravju tagħha ġustifikat u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha u d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat tad-9 ta' Mejju, 2013.**

**L-ispejjeż marbuta mal-proċeduri quddiem l-Arbitru, kif ukoll dawk ta' din l-istanza, għandhom jitħallsu mill-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**